# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa, 15 ta’ Novembru, 2023.**

**Numru 45**

**Rikors numru 376/18/1 JZM**

**L-Avukat Ġenerali**

**v.**

**Avukat Dr.Tonio Azzopardi bħala mandatarju speċjali ta’ Etienne Merlevede f’ismu u għan-nom tat-tfal tewmin minuri Gabriel u Chloe imwielda fis-27 ta’ Ġunju 2007, awtorizzat b’digriet datat 19 ta’ Frar 2013**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell tal-Avukat Dr.Tonio Azzopardi *nomine*, minn sentenza mogħtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta’ Ottubru, 2019, (minn issa ’l hemm imsejħa “s-sentenza appellata”) li biha, u għar-raġunijiet hemmhekk imfissra, ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha ta’ Dr.

Tonio Azzopardi *nomine* u filwaqt li laqgħet it-talbiet tal-Avukat Ġenerali, ordnat li kull parti għandha tbati l-ispejjeż tagħha;

2. L-Ewwel Qorti waslet għal din id-deċiżjoni billi għamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

"***IV. Konsiderazzjonijiet ta` din il-Qorti***

***Qabel tmur ghall-konsiderazzjonijiet taghha dwar l-istanza attrici, din il-Qorti sejra tirreferi ghall-kronologija ta' atti gudizzjarji li ghandhom rilevanza ghall-fini tal-accertament tal-fatti.***

***1. Atti gudizzjarji***

***a) Mandat ta` Sekwestru Nru. 114/2017***

*Is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismijiet "Etienne Merlevede pro et noe vs Attorney General et" (Rik. Nru. 34/13) inghatat fid-**19 ta` April 2017**.*

*Fit-**2 ta` Mejju 2017**, Lara Merleverde* (sic) *ipprezentat rikors ghall-hrug ta` mandat ta` sekwestru nru. 114/2017 kontra Etienne Merlevede ghall-ammont ta` €66,000. L-Avukat Generali kien indikat u notifikat bhala sekwestratarju.*

***b) Cedola ta` Depozitu Nru. 67/2017***

*Din ic-cedola kienet prezentata mill-Avukat Generali fil-**5 ta` Mejju 2017**, u kienet issegwi l-mandat ta` sekwestru nru. 114/2017 fejn l-Avukat Generali kien sekwestratarju. Bic-cedola kien depozitat l-ammont ta` €6,876.59. Ic-cedola kienet notifikata lil Lara Mervede* (sic) *li zbankat l-ammont depozitat mill-Avukat Generali fit-**2 ta` Marzu 2018**.*

***c) Mandat ta' Sekwestru Nru. 1596/2017***

*Fit-**2 ta` Novembru 2017**, Etienne Merlevede pprezenta dan il-mandat kontra l-Avukat Generali, b`sorte fl-ammont ta` €17,000 skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Is-sekwestratarji kienu t-Tezor u l-Bank Centrali ta` Malta. Is-sekwestratarji kienu notifikati.*

***d) Cedola ta` Depozitu Nru. 35/2018***

*Fid-**9 ta` Marzu 2018**, l-Avukat Generali pprezenta din ic-cedola ta` depozitu li tirreferi ghall-mandat ta` sekwestru nru. 114/2017. Kien*

*depozitat l-ammont ta` €10,123.41. Ic-cedola kienet notifikata lil Lara Merlevede u lill-Av. Tonio Azzopardi bhala mandatarju specjali ta` Etienne Merleverde.*

***e) Rikors ta` Etienne Merlevede***

*Fl-**20 ta` Marzu 2018**, Etienne Merleverde pprezenta rikors fejn talab lill-qorti sabiex tordna t-tehid ta` proceduri ta` disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti kontra l-Avukat Generali. Talab hekk ghaliex skont hu l-Avukat Generali ma kienx qaghad mal-ordni dedotta fil-mandat ta` sekwestru nru. 1596/2017.*

*Bi provvediment tad-**9 ta` April 2018**, din il-Qorti diversament presjeduta laqghet it-talba ta` Etienne Merleverde* (sic)*, b`dan illi l-ordni ghat-tehid ta` proceduri ta` disprezz kien sospiz sal-**25 ta` April 2018**, sabiex l-Avukat Generali jottempera ruhu mal-mandat ta` sekwestru nru. 1596/2017.*

***f) Il-kawza odjerna***

*Il-kawza odjerna, bil-premessi u bit-talbiet kif dedotti, kienet prezentata fl-**24 ta` April 2018**.*

***g) Cedola ta' Depozitu Nru. 446/2019***

*Fl-**4 ta` Marzu 2019**, il-Bank Centrali ta' Malta pprezenta din ic-cedola, wara l-mandat ta' sekwestru 1596/2017. Kien depozitat l-ammont ta` €17,274.40. Ic-cedola kienet notifikata lill-Av. Tonio Azzopardi u lill-Avukat Generali.*

***2. Risultanzi***

*Bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-19 ta` April 2017, l-Avukat Generali kien ordnat ihallas kumpens favur Etienne Merlevede u favur uliedu ghall-ammonti u bil-modalita` stabbiliti fid-decide tas-sentenza.*

*Fit-2 ta` Mejju 2017, wara talba ta` Lara Merlevede, li tigi mart Etienne Merlevede, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ordnat il-hrug ta` mandat ta` sekwestru nru. 114/2017 kontra Etienne Merlevede ghal manteniment dovut. L-uniku sekwestratarju kien l-Avukat Generali.*

*Billi kien sekwestratarju, u billi kellu ghandu flus li kienu ta` Etienne Merlevede, li kien id-debitur indikat ghall-fini tal-mandat, l-Avukat Generali, kif kien obbligat, ipprezenta cedola ta` depozitu nru. 67/2017 fil-5 ta` Mejju 2017 fejn iddepozita taht l-awtorita` tal-qorti s-somma ta`€6,876.59 (u cioe` €7,000 minus l-ispejjez tac-cedola). Il-flus li kellu l-Avukat Generali ta` Etienne Merlevede kienu dawk likwidati favur tieghu skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.*

*Bhala fatt irrizulta li Lara Merlevede zbankat l-ammont li kien depozitat bic-cedola nru. 67/2017.*

*Sa dan l-istadju tal-kwistjoni, il-Qorti ma tistax timputa nuqqas lill-Avukat Generali.*

*Tajjeb li jkompli jinghad li kien fit-2 ta` Novembru 2017 illi Etienne Merlevede talab il-hrug ta` mandat ta` sekwestru nru. 1596/2017 ghall-ammont ta` €17,000 wara s-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tad-19 ta` April 2017. Ma jirrizultax li l-Avukat Generali kien notifikat bil-mandat. Is-sekwestratarji kienu l-Bank Centrali ta` Malta u t-Tezor. Ma jirrizultax ippruvat illi l-Avukat Generali b`xi mod fixkel l-ezekuzzjoni tal-mandat ghad-detriment tal-"kreditur".*

*Ikompli jinghad illi fid-9 ta` Marzu 2018, l-Avukat Generali pprezenta cedola ta` depozitu nru. 35/2018 fejn, b`riferenza ghall-mandat nru. 114/2017 fuq riferit, iddepozita taht l-awtorita` tal-qorti l-ammont ta` €10,123.41, li kien il-bilanc dovut lil ulied Merlevede, skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, wara li tnaqqsu l-ispejjez tad-depozitu. Ic-cedola kienet notifikata kemm lil Lara Merlevede u kif ukoll lill-Av. Tonio Azzopardi noe. Bil-presentata ta` din ic-cedola, l-Avukat Generali ma kienx baqa` flus mill-ammont li kien likwidat bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali.*

*Il-Qorti tosserva li ghalkemm fin-nota ta` sottomissjonijiet, l-Avukat Generali jispjega ghaliex iddecieda li jipprezenta c-cedola nru. 35/2018, l-atti li jirreferi ghalihom fin-nota ta` osservazzjonijiet ma gewx prezentati fil-kors tal-kawza. Qeghda ssir referenza partikolari ghar-rikors li kien prezentat mill-Avukat Generali fl-20 ta` Novembru 2017, fejn talab ir-revoka contrario imperio tad-digriet tat-3 ta` Novembru 2017, li bih hareg il-mandat nru. 1596/2017. Effettivament it-talba kif dedotta fir-rikors kienet respinta. Kien ghalhekk illi l-Avukat Generali ghamel id-depozitu tal-flus rimanenti fl-atti tal-mandat nru. 114/2017.*

***Il-Qorti tkompli tosserva li l-mandat nru. 114/2017 fejn l-Avukat Generali kien "sekwestratarju" hareg u kien ezegwit bil-wisq qabel fiz-zmien mill-mandat nru. 1596/2017 fejn l-Avukat Generali kien "debitur".***

***L-obbligi li kellu l-Avukat Generali bhala "sekwestratarju" huma ben definiti fil-ligi, u n-nuqqas ta` osservanza taghhom hija punita mil-ligi stess, ikun min ikun.***

***L-obbligi li kellu l-Avukat Generali skont is-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali kienu dawk ta` "debitur" tas-sentenza, u allura ghal kollox diversi u distinti.***

***Ghalhekk fin-nofs ma hemm l-ebda kwistjoni ta` gerarkija u/jew prijorita` bejn l-atti ta` qrati diversi, izda li jirrizulta li hemm huwa, minn naha wahda, fattur ta` zmien fil-prezentata ta` atti gudizzjarji, u min-naha l-ohra, ir-responsabilita` tal-Avukat***

***Generali li bhala "sekwestrarju" kienet tqeghdu f`posizzjoni diversa minn dik ta` "debitur".***

***Bid-depozitu li sar permezz tac-cedola nru. 35/2018, l-Avukat Generali gie li "hallas" is-€17,000 kollha li kienu likwidati mill-Qorti Kostituzzjonali, ghalkemm il-flus ma marrux direttament ghand il-konvenut noe.***

*B`dan il-kuntest quddiemha, il-Qorti sejra tirreferi ghall-atti li saru bejn l-20 ta` Marzu 2018 u l-24 ta` April 2018.*

*Fl-20 ta` Marzu 2018, Etienne Merlevede pprezenta rikors fejn talab li jittiehdu proceduri ta` disprezz kontra l-Avukat Generali, ghaliex kien tal-fehma li l-Avukat Generali ma kienx obda l-ordni li harget mill-mandat nru. 1596/2017. It-talba kienet milqugha bi provvediment ta` din il-Qorti diversament presjeduta tad-9 ta' April 2018, b`dan illi l-ordni kellu jibqa` sospiz sal-25 ta` April 2018 sabiex l-Avukat Generali jottempera ruhu mal-mandat nru. 1596/2017. Fl-24 ta` April 2018, l-Avukat Generali pprezenta din il-kawza.*

*Dan premess, minn fol 22 tal-process, jirrizulta li c-cedola nru. 35/2018 li pprezenta l-Avukat Generali kienet notifikata lill-konvenut noe fit-12 ta` Marzu 2018, u allura qabel ipprezenta r-rikors kontra l-Avukat Generali sabiex jittiehdu proceduri ta' disprezz fil-konfront tieghu. Dan ikompli jfisser li meta kienet prezentata l-procedura bit-talba ghal disprezz, il-konvenut noe kien diga` edott bil-kontenut ta` din ic-cedola.*

*Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza li tat din il-Qorti diversament presjeduta fit-13 ta` Frar 2004 fil-kawza fl-ismijiet **<u>Lino Micallef pro et noe vs Bank of Valletta plc et</u>** fejn inghad hekk :-*

> *"Illi fin-nota tal-osservazzjonijiet tieghu l-Bank konvenut ssolleva li l-prezz tal-bejgh ma kienx kolpit bis-sekwestru stante li dan sar dovut mill-Bank wara li gie notifikat bl- ordni tas-sekwestru. In propositu l-Qorti tosserva li fil-fehma taghha l-interpretazzjoni korretta tal-Artikolu 375 tal-kap.12 li ghalih saret referenza mill-konvenut, hija fis- sens li malli s-sekwestrarju jigi notifikat bl-ordni tas- sekwestru huwa ghandhu izomm jew jiddepozita dawk il- flus jew hwejjeg bizzjjed sabiex tithallas it-talba tas- sekwestrant. Din l-ordni tkopri kemm il-flus li jkollu fil-pussess tieghu dak il-hin, kif ukoll dawn li jigu fil-pussess tieghu anke wara, purche' il-mandat jkun ghadu jsehh. Din l-interpretazzjoni hija konformi mal-ispirtu tal-ligi intiza biex taghti rimedju effettiv lill kreditur biex jigbor minghand id-debitur dak li hu dovut lilu. Aliter u jekk l-obbligu tas- sekwestratarju jkun limitat biss ghall-flus jew hwejjeg li dan ikollu fil-pusses tieghu fil-hin tan-notifika, ikun facli hafna kemm ghas-sekwestratarju kif ukoll ghad-debitur li jeludu d-drittijiet tal-kreditur multo magis fejn is- sekwestrarju ma jkun Bank. Ghaldaqstant anke din is- sottomissjoni qed tigi rigettat minn din il-Qorti."*

*Taghmel ukoll referenza ghall-**<u>Art 1171 tal-Kap 16</u>** li jghid :-*

*"Bla hsara tad-dispozizzjonijiet tal-artikoli ta' qabel dan, meta ebda imputazzjoni ma tkun saret fil-waqt tal-hlas, ghandhom jitharsu r-regoli li gejjin:*

*(a) il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn mhux ikkontestat qabel id-dejn ikkontestat;*

*(b) meta hemm izjed minn dejn wiehed mhux ikkontestat, il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn illi fiz-zmien tal-hlas ikun ga maghluq qabel id-djun li jkunu ghad ma ghalqux, hlief jekk fost dawn id-djun imsemmijin l-ahhar ikun hemm dejn illi ghalih id-debitur hu suggett ghall-arrest tal-persuna, f'liema kaz il-hlas ghandu jitqies li sar fuq dak id-dejn, kemm-il darba z-zmien ghall-hlas ma kienx gie miftiehem ukoll favur il-kreditur;*

*(c) fost id-djun maghluqa, il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn li ghalih id-debitur hu suggett ghall-arrest tal-persuna, jew, meta ma jkunx hemm dejn ta' din ix-xorta, ghal dejn li jaghti mghaxijiet, qabel djun ohra;*

*(d) il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn imsahhah b' garanzija qabel dejn iehor mhux hekk imsahhah; u fuq id-dejn bi privilegg jew b'ipoteka qabel dejn li ma jkunx bi privilegg jew b'ipoteka;*

*(e) il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn illi dak illi hallas kellu jaghti bhala debitur principali jew bhala obbligat wahdu qabel dejn li kellu jaghti bhala garanti ta' haddiehor jew bhala debitur in solidum ma' debituri ohra;*

*(f) fil-kazijiet mhux imsemmija espressament fir-regoli ta' qabel din, il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn illi, fiz-zmien tal-hlas, id-debitur kellu l-izjed interess li jhallas;*

*(g) meta d-debitur ma jkollu ebda interess li jhallas dejn qabel iehor, il-hlas ghandu jitqies li sar ghad-dejn l-izjed qadim: u fost id-djun li jkunu saru f'gurnata wahda, u li ma jaghlqux fi zmien wiehed, jitqies bhala izjed qadim id-dejn li jaghlaq l-ewwel;*

*(h) jekk id-djun ikunu f'kondizzjoni wahda, l-imputazzjoni ssir pro rata."*

*Tirreferi wkoll ghad-decizjoni li tat il-Qorti tal-Appell fit-13 ta` April 2007 fil-kawza fl-ismijiet **Lombard Bank Malta plc vs Louis Naudi et**, fejn dwar l-Art 1171 tal-Kap 16 inghad hekk :-*

*"Interessanti li l-gurista Ricci ("Corso Teorico – Pratico di Diritto Civile", Vol. VI Titolo IV para. 262) wara li juri li, fil-kodici civili Taljan ta' zmienu, ma kenux gew stabbiliti kriterji ghall-appropriazzjoni ta' hlas, hlief li l-hlas ghandu jmur biex jissodisfa dak id-dejn jew parti minnu li d-debitur l-aktar ghandu interess li jissodisfa, jaghti ezempji ta' kif logikament ghandha ssir din l-appropriazzjoni, u jghid: "che un credito ipotecario si ha interesse ad estinguerlo a preferenza di altro semplicemente chirografario; che un credito, pel quale vi e` fideiussione, si ha interesse ad estinguerlo a preferenza di altro pel quale non c'e` fideiussione, quand'anche questo altro credito sia*

*guarentito da ipoteca, dovendo interessare al debitore di liberarsi dell'azione che il fideiussore puo` contro lui esercitare; che un credito pel quale si ha un titolo esecutivo si ha interesse a soddisfarlo prima d'un altro sfornito di titolo esecutivo; cosi` pure l'obbligazzjone, cui e` annessa una decadenza, si ha interesse a soddisfarla prima di altra per la cui inesecuzione il debitore non decade da alcun diritto."*

***Dan premess, il-Qorti tghid li meta l-Avukat Generali kien notifikat bhala sekwestratarju bil-mandat nru. 114/2017, huwa kien obbligat jottempera ruhu.***

***Huwa bil-wisq evidenti li Lara Merlevede, ghax kienet parti fil-kawza li kienet deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fid-19 ta` April 2017, kienet edotta mill-esitu ta` dik il-kawza***.

***Huwa daqstant evidenti illi ghax kienet taf bil-quantum ta` kumpens li kien likwidat bis-sahha ta` dik id-decizjoni, u li l-Avukat Generali kien ordnat jaghmel il-hlas tal-ammont likwidat, Lara Merlevede kienet pronta u pprezentat talba ghall-hrug ta` mandat ta` sekwestru bil-ghan li l-Avukat Generali bhala sekwestrarju ma jaffettwa ebda hlas lil Etienne Merlevede ghalkemm l-Avukat Generali kien debitur skont is-sentenza tad-19 ta` April 2017. It-talba taghha kienet milqugha u l-mandat hareg fil-pront.***

***Kif jirrizulta b`dettall mir-resokont ta` grajjiet u cirkostanzi fuq riferiti, din il-Qorti tghid - minghajr l-icken esitazzjoni - illi fil-mument illi l-konvenut noe mexxa kontra l-Avukat Generali ghal disprezz, l-Avukat Generali kien qaghad ma` dak li kien obbligat jaghmel bhala sekwestratarju.***

***Tenut kont tan-natura guridika ta` procediment ghal disprezz lejn l-awtorita` tal-qorti, din il-Qorti tghid – anke hawn – minghajr l-icken esitazzjoni – illi l-Avukat Generali qaghad ma` dak kollu li kien mistenni minnu.***

***Propju xejn ma jahti l-Avukat Generali li f`temp qasir spicca f`salt wiehed :***

***"sekwestratarju" f`mandat istitwit mill-kjamata fil-kawza fil-kawza kostituzzjonali, konsegwenza ta` dak li kien deciz f`dik il-kawza ghall-fini ta` pretensjonijiet taghha mhux relatati direttament ma` dik il-kawza ;***

***U***

***"debitur" tar-rikorrent fl-istess kawza minhabba dak li kien deciz f`dik il-kawza.***";

3. Il-konvenut Dr. Tonio Azzopardi *nomine* (minn issa 'l hemm imsejjaħ ukoll bħala "l-appellant") ma qabilx ma' din is-sentenza u għar-raġunijet li tfissru fir-rikors tal-appell imressaq minnu fid-19 ta' Novembru, 2019, talab lil din il-Qorti sabiex: "*tilqa' dan l-appell u tirrevoka, tħassar u tannulla s-sentenza appellata, u tgħaddi biex tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-esponent Dr. Tonio Azzopardi nomine filwaqt li tiċħad it-talbiet tal-Avukat Ġenerali, bl-ispejjeż kontra l-attur. Konsegwentement, tikkonferma d-Digriet tad-9 ta' April 2018 fil-konfront tal-Avukat Ġenerali li ddekada miż-żmien konċess lilu biex jottempera ruħu miegħu*";

4. Min-naħa tiegħu, l-Avukat Ġenerali (minn issa 'l hemm imsejjaħ ukoll bħala "l-appellat") laqa' għal dan billi permezz ta' risposta mressqa fid-9 ta' Diċembru, 2019, huwa fisser għalfejn il-konklużjonijiet milħuqa mill-Ewwel Qorti huma tajba u b'hekk l-appell għandu jkun miċħud bl-ispejjeż kontra l-appellant;

5. Il-Qorti, wara li ħadet qies ta' dan kollu, semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet, kif ukoll rat l-atti kollha tal-kawża, hija issa f'qagħda li tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

6. B'dawn il-proċeduri, l-Avukat Ġenerali qiegħed ifittex it-tħassir ta' digriet mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-atti tal-Mandat ta'

Sekwestru Eżekuttiv bin-numru 1596/2017[1], u dan wara li b'dak id-digriet, dik il-Qorti laqgħet it-talba ta' Dr. Tonio Azzopardi *nomine* biex jittieħdu passi ta' disprezz kontra l-Avukat Ġenerali, u dan sakemm l-istess Avukat Ġenerali ma kienx ser "*jottempra ruħu mal-mandat ta' sekwestru 1596/2017*" sal-25 ta' April, 2018;

7. Billi l-appellant ma qabilx mas-sentenza tal-Ewwel Qorti li fiha ntlaqgħu t-talbiet kollha tal-Avukat Ġenerali, huwa qiegħed issa jressaq dan l-appell fuq is-saħħa ta' għadd ta' argumenti li, fil-qosor, jistgħu jinġabru f'dan li ġej;

8. Filwaqt li jibda billi jagħti sfond tal-ġrajjiet li, fi kliemu, ma hemmx kontestazzjoni dwarhom, fosthom li, fid-data ta' meta tressqet it-tieni ċedola ta' depożitu bin-numru 35/2018 (09/03/2018), diġà kien hemm fis-seħħ il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1596/2017, maħruġ fit-3 ta' Novembru, 2017, l-appellant jgħaddi biex ifisser kif u għalfejn ma jaqbilx mal-Ewwel Qorti li "*...[m]a jirriżultax ippruvat illi l-Avukat Ġenerali b'xi mod fixkel l-eżekuzzjoni tal-mandat għad-detriment tal-'kreditur'*". Jissottometti li huwa ovvju li l-Avukat Ġenerali kien jaf kemm bis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali tad-19 ta' April, 2017, kif ukoll bl-eżistenza tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1596/17, għaliex dan inħareġ kontra tiegħu. Jgħid li l-Avukat Ġenerali kien ukoll jaf bl-

[1] F'paġni 61 sa 63 tal-proċess.

eżistenza tal-Mandat ta' Qbid bin-numru 198/2019, akkordat mill-Prim'Awla fit-13 ta' Frar, 2019, għaliex dan l-att kien ukoll maħruġ kontra l-istess Avukat Ġenerali. F'dan l-isfond, jargumenta li l-Avukat Ġenerali għamel dak li qed isejħilha bħala 'għażla stramba u irregolari' meta, fi kliemu, injora għal kollox l-eżistenza tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1596/17 u ddepożita l-flus kollha fl-atti tal-mandat kawtelatorju maħruġ fuq talba ta' Lara Merelvede, 'b'diskriminazzjoni' kontrih;

9. Wara li jirreferi għall-*'e-mails'* mibgħuta bejnu u bejn Dr. Peter Grech, li f'dak iż-żmien kien jokkupa l-kariga ta' Avukat Ġenerali, jilmenta li dawk l-*'e-mails'* "*ma ġewx inkwadrati b'ebda mod fis-sentenza appellata*", u ġew injorati, daqslikieku ma eżistewx. Skont l-appellant, dawk l-*'e-mails'* juru, li jekk l-Avukat Ġenerali jista' jingħata xi benefiċċju tad-dubju fir-rigward taċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 67/2017, min-naħa l-oħra l-Avukat Ġenerali ma jistax jingħata l-istess benefiċċju dwar iċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 35/2018, u dan għaliex din tressqet wara l-mandat ta' sekwestru eżekuttiv li nħareġ kontra l-Avukat Ġenerali nnifsu, fil-jum tat-3 ta' Novembru 2017. Jisħaq għalhekk li d-depożitu tat-tieni ċedola ta' depożitu fil-mandat kawtelatorju ta' Lara Merlevede kien magħmul irregolarment u "*b'intenzjoni li jiġi eluż il-kreditu kanonizzat tal-esponent nomine*";

10. Filwaqt li jibqa' jinsisti li l-Avukat Ġenerali 'għażel' li "*ssir preferenza indebita favur Lara Merlevede*", jargumenta li digriet m'huwiex aqwa minn

sentenza, u att kawtelatorju m'huwiex aqwa minn titolu eżekuttiv. Jgħid ukoll li l-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mhijiex ġerarkikament ogħla mill-Qorti Kostituzzjonali, u fil-kuntest ta' dan jistaqsi: "*l-Avukat Ġenerali x'suppost kellu l-iktar interess li jissodisfa: il-kreditu pretiż skond mandat kawtelatorju ta' Lara Merlevede, jew id-dejn li kellu* ***huwa stess*** *bħala Avukat Ġenerali għan-nom tal-Istat Malti versu l-esponent nomine?*";

11. Ikompli mbagħad billi jilmenta li l-Artikolu 1171 tal-Kodiċi Ċivili u l-ġurisprudenza msemmija mill-Ewwel Qorti dwar dan l-artikolu, ma għandhom x'jaqsmu xejn mas-sitwazzjoni li kien jinsab fiha l-Avukat Ġenerali. Fl-isfond ta' dan, itenni li, f'dan il-każ, l-Avukat Ġenerali kellu għażla x'jagħmel bejn 'kredituri' differenti, u dak li sewwasew ġara kien li l-Avukat Ġenerali "*għażel li jissodisfa l-kreditu pretiż minn Lara Merlevede minflok id-dejn ċert u kanonizzat li kellu huwa stess versu l-esponent nomine*";

12. Jissokta billi jirreferi għall-Artikolu 1155 tal-Kodiċi Ċivili u jargumenta li, ġaladarba l-Avukat Ġenerali qies lil Lara Merlevede bħala 'kreditur tiegħu' billi ddepożita l-flus biex 'jissodisfa' l-kreditu pretiż minnha, dak il-ħlas ma setax jiswa kontrih għaliex huwa kellu mogħti favurih il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1596/2017. Iżid li, minħabba f'hekk, u bis-saħħa tal-istess artikolu, huwa kellu l-jedd li jġiegħel lill-Avukat Ġenerali sabiex iħallas mill-ġdid. Filwaqt li jisħaq li dan kellu jkun il-mod ta' kif kellha tiġi deċiża din il-kwistjoni, jissottometti li

huwa l-unika persuna li l-Avukat Ġenerali seta' jqisu bħala kreditur tiegħu, u f'dan l-isfond, ifisser kif hija l-liġi stess li tagħti wkoll jedd ta' rivalsa lill-Avukat Ġenerali, fil-konfront ta' Lara Merelvede, biex jiġbor lura 'l-flus imħallsa bi ksur tal-Artikolu 1155';

13. B'żieda ma' dan, jargumenta li huwa wkoll żbaljat ir-raġunament tal-Ewwel Qorti li, wara t-3 ta' Novembru, 2017, u sewwasew li fid-data li fiha nħareġ is-sekwestru eżekuttiv bin-numru 1596/2017, l-Avukat Ġenerali baqa' obbligat li jħares l-ordni tal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 114/2017. Jisħaq li, minn dak il-waqt li fih inħareġ il-mandat ta' sekwestru eżekuttiv, l-Avukat Ġenerali kellu l-obbligu li jħallas id-dejn ċert u kanonizzat b'titolu eżekuttiv, dovut minnu stess bis-saħħa ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, u mhux il-kreditu pretiż minn Lara Merlevede fil-mandat kawtelatorju tagħha;

14. Wara li jissokta jilmenta li l-Ewwel Qorti ntilfet f'għadd ta' konsiderazzjonijiet ħżiena li, fi kliemu, jmorru kontra l-linja ta' ħsieb meħuda fil-provvedimenti li ngħataw fl-atti tal-mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1596/2017, l-appellant jikkonkludi billi jfakkar kif, f'dan il-każ, l-Avukat Ġenerali kien ukoll qiegħed jagħti l-pariri lill-Bank Ċentrali anke wara li rċieva n-notifika ta' dak il-mandat. Josserva li kien biss wara li huwa ressaq talba biex jinbdew proċeduri ta' disprezz kontra l-Bank Ċentrali, li dan tal-aħħar iddepożita l-flejjes. Jagħlaq billi jġib ukoll għall-attenzjoni ta' din il-Qorti, li filwaqt li l-Avukat Ġenerali kien għamel

talba "*biex l-esponent noe. ma jitlobx l-iżbank ta' żewġ partiti ta' flus (€7,000 u €10,000) għalissa*", l-Avukat Ġenerali nnifsu ressaq rikors urġenti li bih talab l-iżbank tal-ammont kollu depożitat mill-Bank Ċentrali ta' Malta, sentejn wara li ġie ordnat jagħmel hekk;

15. Il-Qorti wara li għarblet l-argumenti kollha tal-partijiet, kemm fid-dawl ta' dak li hemm fl-atti, kif ukoll fil-qafas tal-kunsiderazzjonijiet li ngħataw fis-sentenza appellata, tqis li l-argumenti miġjuba mill-appellant mhumiex fejjieda, u dan għar-raġunijiet li ser ikunu qed jingħataw fil-paragrafi li jmiss;

16. Bħala daħla, l-appellant għandu bżonn li jiftakar li hija l-liġi nnifisha li tistabbilixxi li: "***l-effetti tas-sekwestru kawtelatorju huma l-istess bħal dawk tas-sekwestru esekuttiv***", u li "*d-dispożizzjonijiet tal-artikoli mit-375 sat-383 inklużivament*" jgħoddu kemm għall-għanijiet tal-Mandat ta' sekwestru kawtelatorju kif ukoll għal dak eżekuttiv[2]. Irrispettivament minn jekk il-Mandat huwiex ta' sura kawtelatorja jew inkella eżekuttiva, il-'partijiet konċernati' f'mandat ta' sekwestru huma dejjem l-istess tlieta, u sewwasew: (i) is-sekwestrant (il-kreditur), (ii) is-sekwestrat (id-debitur) u (iii) s-sekwestratarju. L-għan wara kull Mandat ta' sekwestru, sew jekk eżekuttiv jew dak kawtelatorju, huwa wkoll l-istess u sewwasew li s-sekwestrant iżomm lil persuna terza (lis-sekwestratarju) milli jgħaddi xi

[2] Ara l-Artikolu 849 tal-Kap 12

flejjes jew inkella l-ħwejjeġ li jinsabu għandu u li jkunu proprjetà tas-sekwestrat[3];

17. Wieħed għandu wkoll iżomm f'moħħu li, b'kuntrast għal dak li qed jargumenta l-appellant, il-liġi ma timponi l-ebda obbligu partikolari fuq is-sekwestrat[4] għaliex, minflok, l-obbligi kollha huma mitfugħa f'ħoġor is-sekwestratarju li huwa marbut taħt piena ta' ħlas ta' danni u l-imgħax: (i) li ma jħallasx jew ma jagħtix lis-sekwestrat, jew lil xi persuna oħra, il-flus jew il-ħwejjeġ, li jistgħu jinsabu għandu u li huma tas-sekwestrat[5], u (ii) li jiddepożita mar-Reġistratur, bi spejjeż tas-sekwestrat, xi flus jew ħwejjeġ li jkunu proprjetà tal-istess sekwestrat[6]. Tassew, dan kollu huwa wkoll rifless, kemm fil-mudell tal-formula '*standard'* tal-Mandat ta' sekwestru fi 'Skeda B' tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta[7], kif ukoll fuq it-timbru li jiġi stampat fuq l-istess formula, li huwa wkoll indirizzat "*[l]is-[s]ekwestratarju*" biss u mhux ukoll lis-sekwestrat[8]. F'kull Mandat ta' sekwestru, is-

---

[3] Ara l-Artikoli 375 u 376(2)(d) tal-Kap. 12. Ara wkoll id-digriet fil-proċeduri ta' Mandat ta' sekwestru bin-numru 825/2022CFS, fl-ismijiet ta' ***'Maria Dolores sive Doris Magro v. Leonard Vella pro. et. noe.***, mogħti mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fil-**11 ta' Awwissu, 2022**, §14.
[4] Ara d-digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-ismijiet ta' ***'Dr. Tonio Azzopardi noe v. Attorney General',*** (Rik. 1596/2017/3TA), deċiż mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-**27 ta' Ġunju, 2022**.
[5] Ara l-Artikolu 376(2)(d) tal-Kap. 12.
[6] Ara l-Artikolu 376(2)(e) tal-Kap. 12.
[7] Din il-formula hija l-istess kemm għall-Mandat ta' sekwestru kawtelatorju kif ukoll għall-Mandat ta' sekwestru eżekuttiv.
[8] Dan it-timbru jaqra hekk: *"**Lis-Sekwestratarju**. Inti mgħarraf illi, ai termini tal-artikolu 376(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta illi notifika ta' tali Mandat f'idejk jimporta illi: Inti ma tħallasx jew ma tagħtix lid-debitur jew lil xi persuna oħra il-flus jew il-ħwejjeġ li jistgħu jinstabu għandek u li huma tad-debitur u dana taħt piena ta' ħlas tad-danni u imgħax u: [i]nti għandek tiddepożita bi spejjeż tad-debitur fi żmien dsatax-il (19) jum min-notifika tal-mandat mar-Reġistratur tal-Qorti, xi flus jew ħwejjeġ li jkunu propjetà tad-debitur issekwestrati bil-mandat".* F'dan il-każ, dan it-timbru ġie stampat kemm fuq l-att tal-Mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 114/17, fl-ismijiet ta' *'Lara Merlevede v. Etienne Merlevede',* kif ukoll l-att tal-Mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1596/17 fl-ismijiet *"Advocate Dr. Tonio Azzopardi noe v. Attorney General',* f'paġni 51 u 59 tal-proċess, rispettivament.

sekwestrat huwa għalhekk bħal sempliċi spettatur, li ma huwa obbligat li jagħmel xejn;

18. Bi tħaddim ta' dawn il-prinċipji bażiċi għall-fatti tal-każ, din il-Qorti żgur li ma tistax taqbel mal-appellant li l-Avukat Ġenerali fixkel l-eżekuzzjoni tal-Mandat eżekuttiv bin-numru 1596/17. Bħalma sewwa osservat l-ewwel Qorti, fil-Mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1596/17, l-Avukat Ġenerali kien sempliċement is-sekwestrat u mhux is-sekwestratarju[9], u għalhekk l-unika effett legali li dak il-Mandat seta' ġab fuq l-Avukat Ġenerali kien li jwaqqaf lis-sekwestratarji msemmija f'dak il-Mandat milli jgħaddulu l-flejjes li seta' kellhom f'idejhom u li kienu proprjetà tal-istess Avukat Ġenerali. Kuntrarjament għal dak li qed jippretendi l-appellant, il-Mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1596/17 ma seta' qatt impona xi obbligi legali fuq l-Avukat Ġenerali, u minflok, l-obbligi kollha b'rabta ma' dak l-att eżekuttiv waqgħu f'ħoġor is-sekwestratarji, li f'dan il-każ kienu l-Bank Ċentrali ta' Malta u d-Dipartiment tat-Teżor[10]. Kemm hu hekk, mill-atti ta' dak il-Mandat stess jidher biċ-ċar kif l-unika ordnijiet li nħarġu mill-Qorti ngħataw kollha fil-konfront tas-sekwestratarji u mhux fil-konfront tas-sekwestrat Avukat Ġenerali[11]. Fih innifsu, **il-mandat eżekuttiv bin-numru 1596/17 ma seta' qatt għalhekk obbliga lill-Avukat Ġenerali biex iħallas lill-**

[9] Ara r-rikors tal-appellant *nomine* għall-ħruġ tal-Mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1596/17, f'paġna 58 tal-proċess.
[10] *Ibid*.
[11] *Ibid*. f'paġna 59 tal-proċess.

**appellant *nomine*** u, fuq hekk biss, l-Ewwel Qorti kellha raġuni tajba biżżejjed biex tilqa' t-talbiet tal-Avukat Ġenerali u tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-appellant *nomine*;

19. Filwaqt li dak li għadu kif jingħad għandu jkun biżżejjed biex jitwarrab l-appell u tkun konfermata s-sentenza appellata, il-Qorti tqis li l-Avukat Ġenerali mexa b'rieda tajba, kemm fil-preżentata taċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 67/2017 fl-ammont ta' €6,876.59ċ[12] u kif ukoll fil-preżentata tat-tieni ċedola ta' depożitu fl-ammont ta' €10,123.41ċ[13]. Kuntrarjament għall-insinwazzjonijiet tal-appellant, huwa ċar li r-raġuni wara dawn id-depożiti ma kinitx biex l-Avukat Ġenerali jagħti xi 'preferenza indebita' lil Lara Merelevede fuq l-appellant *proprio*, jew inkella biex jevadi jew jisfida dak li ġie deċiż bis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, iżda sewwasew għaliex fil-Mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 114/2017, li nħareġ fuq talba ta' Lara Merelvede kontra Etienne Merelevede, l-Avukat Ġenerali ġie ndikat bħala "**is-sekwestratarju**"[14]. Kuntrarjament għall-Mandat ta' sekwestru li nħareġ fuq talba tal-appellant (1596/17), il-Mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 114/17 kellu għalhekk l-effett li jżomm lill-Avukat Ġenerali (bħala sekwestratarju) milli jħallas lil Etienne Merlevede (is-sekwestrat) il-kumpens li rebaħ fil-kawża kostituzzjonali bin-numru 34/2013, kif ukoll li jobbligah jiddepożita dawk il-flejjes mar-Reġistratur, u dan fl-atti ta' dak l-

[12] Ara l-kopja taċ-Ċedola ta' depożitu bin-numru 114/2017, f'paġna 6 tal-proċess.
[13] Ara l-kopja taċ-Ċedola ta' depożitu bin-numru 35/2018, f'paġni 18 u 19 tal-proċess.
[14] Ara r-rikors tal-Mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 114/17, f'paġna 46 tal-proċess.

istess Mandat. Bil-preżenta tal-flus dovuti lil Etienne Merlevede fl-atti tal-Mandat bin-numru 114/2017, l-Avukat Ġenerali kien sempliċiment qiegħed iwettaq ordni tal-Qorti, u mhux jisfidaha;

20. Marbut sfiq ma' dak li għadu kif qiegħed jingħad, il-Qorti tqis li l-appellant lanqas ma jista' jippretendi li l-Mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 114/17, li nħareġ fuq ordni tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ma setax jolqot dawk il-flejjes li saru dovuti bis-saħħa ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Il-flejjes dovuti mill-Istat bħala kumpens għall-ksur tal-jeddijiet fondamentali mhumiex parti minn dawk il-flejjes li l-liġi tgħid li mhumiex sekwestrabbli[15] u għalhekk, sakemm il-Mandat ta' sekwestru 114/17 baqa' fis-seħħ, l-Avukat Ġenerali ma setax jgħaddi l-flejjes dovuti lil Etienne Merlevede, anke jekk dawk il-flejjes kienu jirrappreżentaw kumpens li oriġina minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali. Kien ikun l-Avukat Ġenerali li qiegħed jisfida ordni ta' Qorti li kieku għadda dawk il-flejjes lil Etienne Merlevede minkejja l-eżistenza tal-Mandat maħruġ minn martu Lara. Hekk ukoll, il-fatt waħdieni li l-kreditu ta' Merlevede kien ġej minn sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali, ma naqqas xejn mill-obbligu tal-Avukat Ġenerali li jiddepożita dawk il-flejjes fir-Reġistru tal-Qorti u dan skont ir-responsabiltajiet tiegħu bħala sekwestratarju fl-atti tal-Mandat bin-numru 114/17. Kif sewwa qalet l-Ewwel Qorti, m'hemm l-ebda lok għalhekk għal

[15] Ara l-Artikoli 381 u 382 tal-Kap. 12, li jgħoddu wkoll għall-Mandat ta' sekwestru kawtelatorju bis-saħħa tal-Artikolu 849 tal-istess Kap. 12.

xi kwistjoni ta' ġerarkija u/jew prijorità bejn l-atti jew deċiżjonijiet ta' Qrati diversi. Kull argument tal-appellant f'dan is-sens huwa għalhekk fieragħ għall-aħħar, jekk mhux ukoll dispreġjattiv lejn l-awtorità tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja);

21. Huwa daqstant ieħor fieragħ kull argument tal-appellant, li bil-preżentata taċ-ċedoli ta' depożitu bin-numru 67/2017 u 35/2018 fl-atti tal-Mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 114/17, l-Avukat Ġenerali kien qiegħed, b'xi mod jew ieħor, iqis lil Lara Merlevede bħala 'l-kreditur tiegħu' u dan b'diskriminazzjoni kontrih. Fil-fehma tal-Qorti, fih innifsu, l-att tal-preżentata taċ-ċedoli ta' depożitu bin-numru 67/2017 u 35/2018, fl-atti tal-mandat 114/17, huwa xhieda mill-aktar ċara tal-fatt li l-Avukat Ġenerali, fil-kapaċità tiegħu bħala sekwestratarju, kien qiegħed jagħraf li huwa debitur tas-sekwestrat appellant (Etienne Merelvede) u mhux tas-sekwestranta (Lara Merlevede). Tabilħaqq, fiż-żewġ ċedoli ta' depożitu, l-Avukat Ġenerali għamel stqarrija fis-sens li l-flejjes li kien qiegħed jippreżenta kienu dovuti lil Etienne Merelvede bis-saħħa ta' sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali mogħtija fid-19 ta' April 2017 u fl-ismijiet ta' ***'Etienne Merelvede pro et noe v. Attorney General et.'***[16]. Ta' min jgħid ukoll li, bid-depożitu tal-flejjes fl-atti tal-Mandat bin-numru 114/17, l-Avukat Ġenerali ma kienx qiegħed jgħaddi dawk il-flejjes direttament f'idejn Lara Merlevede, iżda kien qiegħed iqiegħedhom taħt l-awtorità tal-Qorti, u dan

[16] Ara l-kopja taċ-Ċedoli ta' Depożitu bin-Numru 67/2017 u 35/2018, f'paġni 6 u 18 sa 19 tal-proċess, rispettivament.

sabiex jiġu "*liberament żbankat[i] wara li titħalla d-debita rċevuta minn min għandu dritt għalih[om] skont il-liġi*"[17]. L-appellant *nomine* kien jaf b'dawk iċ-ċedoli ta' depożitu[18], u jekk ippretenda li kellu xi jedd aqwa fuq dawk il-flejjes, jew inkella deherlu li l-Avukat Ġenerali ma kellux jiddepożita dawk il-flejjes, huwa seta' jirregola ruħu skont il-liġi. L-appellant però m'għamel xejn minn dan, u wisq anqas m'oppona għall-iżbank minn Lara Merlevede, minkejja li jidher li kien notifikat b'dik it-talba wkoll[19];

22. F'qafas bħal dan, il-Qorti hija tal-fehma li l-appellant lanqas ma jista' jippretendi li jsib kenn fl-Artikolu 1155 tal-Kodiċi Ċivili[20]. Fis-sewwa, il-Qorti tqis li bit-tismija ta' dan l-artikolu, l-appellant *nomine* pjuttost kompla jwaqqa' l-ġebla fuq saqajh u dan għaliex, kemm bir-raġunament tiegħu, u sewwasew minħabba l-fatt li, f'dan il-każ, id-"*debitur*" kien l-Avukat Ġenerali filwaqt li l-"*kreditur*" kien huwa stess, kif ukoll bit-tħaddim tajjeb tal-imsemmi Artikolu 1155 jirriżulta li kieku l-Avukat Ġenerali kellu jgħaddi l-ammont sekwestrat f'idejn Etienne Merlevede, u dan bi ksur tal-

---

[17] *Ibid*. f'paġni 6 u 19 tal-proċess.

[18] Mit-timbru tal-Purtier Flavio Ghigo, fuq wara tal-paġna 21 tal-proċess, jirriżulta li l-appellant *nomine* ġie notifikat biċ-ċedola ta' depożitu 35/2018, fit-12 ta' Marzu, 2018, u sewwasew tlett ijiem wara li dik iċ-ċedola ġiet preżentata fil-Qorti, sa fejn imbagħad għandu x'jaqsam maċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 67/2017, fil-kontroeżami l-appellant *nomine* xehed li huwa sar jaf b'dak id-depożitu mingħand il-klijent tiegħu u fisser li huwa ma ressaqx rikors biex jiżbanka għaliex kien qed jikkontesta l-fatt li dawk il-flejjes ġew depożitati fil-Qorti, f'Mandat li fi kliemu *"m'għandu x'jaqsam xejn"* u li nħareġ minn Qorti li hija "*inferjuri*" għall-Qorti Kostituzzjonali. (f'paġni 97 u 98 tal-proċess).

[19] Ara d-digriet tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), datat 1 ta' Marzu, 2018, f'paġna 15 tal-proċess.

[20] L-Artikolu 1155 tal-Kap. 16 jaqra hekk: *Il-ħlas magħmul mid-debitur lill-kreditur tiegħu bi ksur ta' mandat ta' sekwestru, jew ta' ordni ieħor tal-qorti, ma jiswiex kontra l-persuni li favur tagħhom il-mandat jew l-ordni jkun ġie mogħti; u dawn il-persuni jistgħu, għall-jeddijiet tagħhom, iġiegħlu lid-debitur iħallas mill-ġdid, bla ħsara tal-jedd tiegħu ta' regress kontra l-kreditur"*

ordni fil-Mandat ta' sekwestru bin-numru 114/17, l-Avukat Ġenerali kien ser ikun qiegħed jesponi ruħu għal sanzjonijiet ta' disprezz fil-konfront ta' Lara Merlevede. Barra minn hekk, diġà ntqal aktar kmieni li l-Avukat Ġenerali la qies lil Lara Merlevede bħala kreditur tiegħu, la għadda il-flejjes direttament f'idejn Lara Merlevede, u wisq anqas ma ddepożita l-flejjes b'xi għan li 'jħallas' lil Lara Merlevede. Kull referenza lejn l-Artikolu 1155 hija għalhekk ukoll fiergħa għall-aħħar, u tkompli tikkonvinċi lil din il-Qorti kemm l-appellant tassew ħaqqu li jeħel is-sanzjoni maħsuba fl-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

23. Daqstant ieħor li ma jista' jwassal imkien lill-appellant l-ilment tiegħu li l-Ewwel Qorti ma tatx każ tal-korrispondenza bl-*e-mails* li għaddiet bejnu u bejn l-Avukat Peter Grech, li f'dak iż-żmien kien għadu jokkupa l-kariga ta' Avukat Ġenerali. Filwaqt li ma huwa minnu xejn li l-Ewwel Qorti m'għamlitx referenza lejn dawk l-*e-mails*[21], il-Qorti tqis li f'kull każ, dawk l-*e-mails* lanqas ma jistgħu b'xi mod jew ieħor jagħtu xi imbuttatura lill-argumenti tal-appellant, u dan għaliex dik il-korrispondenza ntbagħtet <u>wara</u> li tressqet l-ewwel ċedola ta' depożitu (67/2017), u <u>qabel</u> ma l-appellant ressaq it-talba tiegħu għall-ħruġ tal-Mandat ta' sekwestru eżekuttiv bin-numru 1596/2017. Jingħad ukoll li fiż-żmien li fih intbagħtu dawk l-*e-mails*, diġà kien hemm fis-seħħ il-Mandat ta' sekwestru bin-numru 114/17;

[21] Ara paġna 11 tas-sentenza appellata

24. Hekk ukoll, hija għal kollox irrelevanti r-referenza li saret mill-appellant *nomine* għall-Mandat ta' qbid bin-numru 198/2019, li fi kliemu stess, inħareġ fuq talba tiegħu kontra l-Avukat Ġenerali, fit-13 ta' Frar, 2019. Fil-fehma tal-Qorti, dak kollu li seta' seħħ wara li ngħata d-digriet attakkat b'din il-kawża huwa għal kollox irrelevanti għall-għanijiet ta' din it-tilwima[22]. Hija wkoll għal kollox mingħajr bażi l-allegazzjoni li 'hemm provi konkreti' li l-Avukat Ġenerali kien qiegħed jiddetrieġi lill-Bank Ċentrali ta' Malta dwar kif kellu jaġixxi matul din il-ġrajja. Tabilħaqq, l-appellant naqas għal kollox milli jissustanzja dak li qal, billi mqar għamel l-iċken referenza lejn il-provi li qed jgħid li hemm fl-atti;

25. Fuq nota aħħarija, u sabiex ikun ingħad kollox, il-Qorti minkejja li taqbel mal-appellant li r-referenza mill-Ewwel Qorti lejn l-Artikolu 1171 tal-Kodiċi Ċivili u l-ġurisprudenza b'rabta ma' dak l-artikolu mhijiex f'lokha, madanakollu, tqis li dawk il-kunsiderazzjonijiet ma kellhomx xi effett deċisiv fuq il-parti dispożittiva tas-sentenza, u għalhekk din ir-raġuni lanqas ma tista' tagħti xi lok għat-tħassir jew inkella r-riforma tas-sentenza appellata;

26. Tħares minn fejn tħares, l-appell ma jistax jintlaqa' u l-Qorti ser tgħaddi biex tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata;

[22] Id-digriet attakkat b'din il-kawża ngħata fid-9 ta April, 2018.

***Decide***

27. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi:

**<u>Tiċħad l-appell</u>** tal-intimat Avukat Tonio Azzopardi *nomine* u b'hekk qed **<u>tikkonferma</u>** għal kollox is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta' Ottubru, 2019, fil-kawża fl-ismijiet premessi;

**<u>L-ispejjeż</u>** kollha marbuta mal-appell għandu jagħmel tajjeb għalihom l-appellant *nomine* u, billi l-Qorti hija tal-fehma li l-appell huwa fieragħ u wara li rat l-Artikolu 223(4) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tikkundanna lill-appellant *nomine* sabiex iħallas l-ispejjeż għal darbtejn.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da